MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 912/2011

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Christopher Fiteni (K.I. 341391M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma t' elf, hames mija u sitt ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,506.62) in konnessjoni ma' servizzi rezi (AC 51020126); illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2783/11.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-14 ta’ Gunju, 2012 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fis-somma t’elf, hames mija u sitt ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,506.62) u dan bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2783/11 u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------